

Brussell, 18 ta' Lulju 2023
(OR. en)

10713/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0348(COD)

PECHE 305
CODEC 1390
PE 91

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew
(Strasburgu, mill-10 sat-13 ta' Lulju 2023)

I. INTRODUZZJONI

Fl-24 ta' Mejju 2023, ir-rapporteur tal-Parlament Ewropew għall-proposta msemmija hawn fuq, is-Sur João PIMENTA LOPES (Ix-Xellug, PT), ippreżenta rapport f'isem il-Kumitat għas-Sajd (PECH), li fih abbozz ta' rizzoluzzjoni leġislattiva li tirrifjuta l-proposta għal Regolament.

II. VOT

Meta vvota fil-plenarja fil-11 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew ivvota biex jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni.

F'konformità mar-Regola 59 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Kummissjoni mbagħad intalbet tirtira l-proposta.

Fuq proposta tar-rapporteur, il-Parlament imbagħad għadda biex jadotta r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan.

Miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) (COM(2022)0563 – C9-0370/2022 – 2022/0348(COD))

(Proċedura Leġislattiva Ordinarka: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2022)0563),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skonthom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0370/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0192/2023),
1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha;
 3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.